MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru. 105/2014

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca u Spettur Bernard Spiteri)

**Vs**

Robert Agius (KI294672 (M)

Ronnie Mackay(KI228781(M)

Daniel Vella(KI989G)

Kurt Buttigieg(KI559081(M)

Juanito Jimenez(KI242693(M)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kif korretti permezz tad-digriet tal-lum stess kif isegwi:

Lil **Robert Agius, Ronnie Mackay, Daniel Vella, Kurt Buttigieg u Juanito Jimenez** lkoll flimkien, talli fit-30 ta' Settembru 2014 u fil-gimghat qabel din id-data, gewwa dawn il-gzejjer assocjaw ruhhom ma' persuna jew persuni bil-ghan li jaghmlu serqa aggravata bil-valur, bil-hin, bil-mezz, bil-persuna u bil-vjolenza numerika.

Lil **Robert Agius, Ronnie Mackay, Kurt Buttigieg u Juanito Jimenez** talli matul nhar it-30 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tat-8:15 ta' filghaxija gewwa r-Rabat, Ghawdex bil-hsieb li jikkommettu serq mill-istabbiliment Bubbles, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u vjolenza numerika ;

Lil **Daniel Vella** wahdu talli rrenda ruhu komplici fit-tentattiv ta' serq minn gewwa l-istabbiliment Bubbles sitwat gewwa Rabat, Ghawdex, li sehh nhar it-30 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tat-8.15 ta' filghaxija, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hatja;

Lil **Kurt Buttigieg u lil Juanito Jimenez, Ronnie Mackay u Robert Agius** talli matul il-lejl tat-30 ta’ Settembru 2014 ghall-habta tat-8:15 filghaxija gewwa Rabat, Ghawdex ikommettew hsara volontarja gewwa l-istabbiliment Bubbles kif ukoll fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni KAS 053 liema hsara taccedi il-mitejn u hamsin euro (€250) ghad-dannu ta’ Raymond Caruana u jew persuni ohra.

Lil **Robert Agius, Ronnie Mackay, u Daniel Vella** wahedhom it-tlieta li huma mpjegati bhala Suldati fil-Forzi Armati ta’ Malta, talli matul dawn l-ahhar gimghat gewwa dawn il-gzejjer bhala ufficjali jew impjegati pubblici kkommettew reat li kellhom jissorveljaw biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghhom huma kellhom d-dmir li jimpedixxu.

Lil **Juanito Jimenez, Kurt Buttigieg u lill Ronnie Mackay** talli rrendew ruhhom recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huma gew misjuba hatja b’diversi delitti, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil **Kurt Buttigieg** wahdu talli f’dawn il-gzejjer nhar it-30 ta’ Settembru, 2014, ksirt il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Haymen LL.D., nhar 1 ta’ Marzu 2012 f’dan illi ma tikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta’ Ottubru, 2014 u tal-lum stess.

Semghet ix-xhieda ta’ Raymond Caruana.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet is-sottomissjonjiet tad-difensuri tal-imputati u tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati kollha ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi d-difiza ghan-nom ta' Daniel Vella, Robert Agius u Ronnie Mackay issottomettiet li f'dan il-kaz ma ghandux japplika l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ghaliex skont id-difiza ir-reat ma giex kommess waqt il-qadi ta' dmirijiethom u lanqas ma nqdew mill-kariga ta' ufficjali sabiex jippjanaw jew jikkooperaw fir-reati li jinsabu akkuzati bihom. Illi l-artikolu in kwisjtoni jaqra kif isegwi:

*'141. Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita' ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad.'*

Minn qari ta' dan l-artikolu l-Qorti ma tarax id-distinzjoni li qed tipprova tikkrea d-difiza stante li mkien fl-artikolu ma hu ndikat bhala neccessarju li r-reat jigi kommess waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew li b'xi mod ikunu nqdew bil-kariga taghhom. Bhala suldati fil-Forzi Armati ta' Malta din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputati kellhom id-dmir li jissorveljaw li ma jsirux ir-reati li gew imputati bihom u l-imputati kisru dan l-obbligu. Apparti minn hekk l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba

fil-konfront taghhom u dawn kienu jinkludu l-imputazzjoni taht l-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Illi dwar il-piena il-Qorti:

- fir-rigward ta’ **Robert Agius** hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali tista’ tghid netta tieghu kif ukoll ix-xhieda ta’ Raymond Caruana;

- fir-rigward ta’ **Ronnie Mackay** hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali mhux netta kif ukoll ix-xhieda ta’ Raymond Caruana;

- fir-rigward ta’ **Daniel Vella** hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu kif ukoll ix-xhieda ta’ Raymond Caruana;

- fir-rigward ta’ **Kurt Buttigieg** hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, in-nuqqas ta’ koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali mhux netta kif ukoll ix-xhieda ta’ Raymond Caruana;

- fir-rigward ta’ **Juanito Jimenez**, hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati kollha li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali mhux netta tieghu kif ukoll ix-xhieda ta’ Raymond Caruana;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 h, 28 A, 31, 41, 42, 48A, 49, 50, 141, 262, 263, 267, 268, 270, 276, 277, 289 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonjiet kollha migjuba kontra taghhom u:

- lil **Robert Agius u Daniel Vella** tikkundannahom ghal tlettax(13)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin;

- lil **Ronnie Mackay u lil Juanito Jimenez** tikkundannahom ghal tmintax(18)-il xahar prigunerija;

- lil **Kurt Buttigieg** tikkundannah ghal sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputati Robert Agius u Daniel Vella fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------